MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 83/2008

Kawza fil-lista: 54

**A B**
**vs**
**G E, L-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri C D sallum maghruf b' kunjom "E",u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponent kellu relazzjoni extra-maritali mal-konvenuta G E, minn liema relazzjoni twieled it-tifel C D

fit-tlieta u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (23/09/2007).

2. Illi fic-certifikat tat-twalid ta' l-istess tifel minuri l-konvenut F E bil-konnotati kollha tieghu gie mnizzel bhala missier it-tarbija u dana kif jidher mic-certifikat numru tlett elef mija u wiehed tas-sena elfejn u sebgha (3101/2007).

3. Illi l-konvenuta G E kienet separata "de facto" minn mal-konvenut zewgha F E.

4. Illi l-konvenut F E huwa mpotenti u ma jistax ikollu tfal.

5. Illi t-tarbija C D ghalhekk m' hijiex il-wild naturali tal-konvenut F E.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri C D li twieled fit-23 ta' Settembru 2007 m' huwiex il-konvenut F E.

2. Tornda lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid numru 3101/2007 tat-tarbija msemmija, u partikolarment fil-kolonni intestati "taghrif dwar: isem u kunjom, missier it-tarbija, id-dokument ta' l-identita', eta', fejn twieldu, joqghodu, isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" jigu kkancellati dawk il-konnotati hemm imnizzla u fil-kolonna "taghrif dwar: isem u kunjom missier it-tarbija: jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf"; u jigu kkancellati ukoll il-kliem "the said" fil-kolonna "isem u kunjom l-omm".

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tas-16 ta' Ottubru 2007 u tat-12 ta' Novembru 2007, u kif ukoll tar-rikors ghan-nomina ta' kuratur "ad litem" prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma m' humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero' jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti G E u F E li biha eccepew:

1. Illi l-azzjoni attrici hija legalment insostenibbli u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi l-attur m' ghandux l-interess guridiku kif rikjest mill-ligi fit-talbiet kif dedotti.

3. Illi fiz-zmien illi fih ir-rispondenti kienu separati de facto, kienet sehhet rikonciljazzjoni bejniethom u fil-fatt kienu regghu ghammru flimkien.

4. Illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tigi mitluba illi tordna li fl-att tat-twelid il-minuri C D E jigu kancellati l-isem u l-konnotati tar-rispondent F E u minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf" fl-istess waqt illi l-istess attur fl-ewwel paragrafu tar-Rikors Guramentat tieghu qed jiddikjara illi l-missier tal-istess tarbija huwa hu, u ghalhekk effettivament qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri issir annotazzjoni – u cioe' li l-minuri huwa iben "missier mhux maghruf" – illi l-istess attur qieghed jgharraf lill-Qorti bil-gurament tieghu illi tali korrezzjoni minnu mitluba ma tirrispekkjax il-verita' (dejjem skond l-istess attur).

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri prezentata mill-istess konvenuti E, u li biha eccepiew:

1. Illi din ir-risposta guramentata qed issir ghar-rikors guramentat tal-attur kif korrett (hekk kif awtorizzat b' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Frar, 2009).

2. Illi, preliminarjament, l-attur-rikorrent ma mexiex mad-disposizzjonijiet tal-artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fiz-zmien li fih ir-rispondenti kienu separati *de facto*, kienet sehhet rikonciljazzjoni bejniethom u fil-fatt kienu regghu ghammru flimkien u ghalhekk l-attur-rikorrent ma jista' qatt jipprova sal-grad li titlob il-ligi li l-konvenut F E kien fl-impossibilita' fizika (u mhux biss morali), assoluta u materjali li jghammar mal-konvenuta martu G E bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri C D E – tant li l-konvenuti kienu ghammru flimkien matul dan il-perjodu ta' zmien stabbilit mill-ligi – u ghalhekk l-azzjoni intentata mill-attur-rikorrent ma' tista' qatt tirnexxi.

4. Illi fl-affidavits minnu pprezentati sallum, l-attur-rikorrent jindirizza l-provi tieghu biex jintenta jikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti illi huwa l-missier naturali tal-minuri C D E meta fir-realta' l-prova li huwa jehtieg li jaghmel hija dik indikata fit-tieni eccezzjoni li qed tigi hawn dedotta. L-azzjoni ta' tfittxija u reklam ta' paternita' kontemplata fid-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu II tat-Titolu II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili tispetta biss lill-minuri, u lil hadd izjed, u z-zewg azzjonijiet – u cioe', dik ta' tfittxija u rekjam ta' paternita' u dik ta' impunjazzjoni ta' filjazzjoni kontemplata fl-artikolu 77 tal-Kap. 16 ma jistghux jigi proposti u konfuzi f' kawza wahda. Ghaldaqstant it-talbiet attrici, in kwantu mhux pruvati, ghandhom jigu michuda.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri illi jistghu jkunu mehtiega u jistghu jigu awtorizzati wara li jsir ir-rikors appozitu ghal dak il-ghan.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jiccara t-tieni talba dedotta

fir-rikors stante li din it-talba ghandha tkun konformi ma' l-ewwel premessa fl-istess rikors u ghal dan ir-rigward ir-rikorrent ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu indikati fuq l-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentat;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2008 rigwardanti l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-ewwel risposta guramentata tal-konvenuti E;

Rat il-korrezzjoni ordnata, fuq talba ta' l-attur, fir-rikors promotur, permezz ta' digriet moghti fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2009; u li permezz tieghu giet sorvolata ir-raba' eccezzjoni kontenuta fl-ewwel risposta guramentata tal-konvenuti E;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA mahluf mill-Analista Christopher E u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-minuri C D E li twieldet fit-23 ta' Settembru 2007 mill-konvenuta G E mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut F E; u qed jitlob ukoll il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru

[1] Fol.149 *et seq.*

3101/07, fis-sens ukoll li flok l-isem tal-konvenut F E bhala l-missier, jitnizzlu "il-partikolaritajiet u l-isem li talvolta jirrizultaw lill-Qorti occorrendo dawk ta' l-attur."

Minn naha taghhom il-konvenuti E qedin isostnu, kemm fit-tielet eccezzjoni tal-imsemmija risposta guramentata, kif ukoll fit-tielet eccezzjoni tar-risposta guramentata ulterjuri, li bejn il-konjugi E kienet sehhet rikoncijlazzjoni, wara s-separazzjoni de facto, "u ghalhekk l-attur-rikorrent ma jista' qatt jipprova sal-grad li titlob il-ligi li l-konvenut F E kien fl-impossibilita' fizika, assoluta u materjali li jaghmmar mal-konvenuta martu" fiz-zmien, indikat mill-artikolu 77 tal-Kap.16, qabel it-twelid tat-tifel, u ghalhekk l-azzjoni tentata ma tista' qatt tirnexxi.

L-istess konvenut, fir-raba' eccezzjoni taghhom, jissollevaw li l-azzjoni ta' tfixxija ta' paternita' tmiss biss lill-minuri; u li azzjoni simili ma' tistax tigi proposta ma' l-azzjoni bazata fuq l-artikolu precitat, cioe' dik ta' attakk ta' legittimita tat-tarbija.

**Il-Fatti**

Illi fl-affidavit tieghu l-attur, korroborat minn xhieda ta' membri tal-familja tieghu, jispjega li huwa kien beda johrog mal-konvenuta Cnette E, matul il-konvivenza taghha ma' zewgha. Sussegwentement, f' Settembru 2006 hija telqet lil zewgha, il-konvenut F E, biex marret tghix ma' l-attur u dahhlet f' relazzjoni stabbli mieghu.

Il-provi juri li l-attur u l-konvenuta E kienu kuntenti flimkien, tant li maz-zmien, bdew jippjanaw biex ikabbru l-'familja' billi jkollhom tarbija. Il-partijiet esperjenzjaw problemi f' Dicembru 2006 minhabba theddid anonimu li kien qed isir fil-konfront taghhom, izda f' Jannar 2007 l-konvenut skopriet li hija kienet harget tqila. Fil-frattemp, hija regghet marret tikkoabita ma' l-attur, u l-partijiet, inkluz l-konvenuta, kienu ferhanin bit-tqala', u dina kienet tghid man-nies u mal-familjari ta' l-attur li t-tarbija kienet ta' l-attur.

Sussegwentement, f' Marzu 2007, waqt it-tqala, il-konvenuta rrikonciljat ma' zewgha u telqet lill-attur.

Illi minn naha taghha l-konvenuta tghid li hija ma kienitx thobb lill-attur u kienet accettat li jkollha relazzjoni mieghu peress li kienet tibza' minnu, minhabba t-theddid li kien jaghmel fil-konfront taghha. Inoltre, hija ssostni li, meta kienet fir-relazzjoni ma' l-attur, hija xorta wahda kien ikollha relazzjonijiet intimi ma' zewgha; u tafferma, li, filwaqt li fir-relazzjonijiet intimi ma' zewgha l-att taz-zwieg kien jithalla miftuh ghat-tfal, izda ma' l-attur hija "dejjem, dejjem" uzat il-prezervattivi, u ghalhekk, eskludiet li t-tarbija setghet kienet ta' l-attur.[2] izda t-testijiet medici dghajfu serjament din il-verzjoni.

Illi xehed ukoll il-Konsulent Mr.Karl German[3] li kkonferma li, minn testijiet medici li kienu saru fuq il-persuna ta' F E, irrizulta li dan "probabbli huwa 99%, jekk mhux aktar, inferitili". Jispjega li ragel li kellu dik il-kondizzjoni li kellu dan il-konvenut "ahna nqisuh bhala nfertitli, jigifieri li ma jistax ikollu tfal." Huwa ma jistax jeskludi mija fil-mija li dan ikollu tfal izda x-xhud jiddeskrivi din il-possibilita' bhala "kaz kwazi ta' miraklu."

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkonferma t-tezi ta' l-attur li t-tifel C D li twieled mill-konvenuta Cnette E fit-23 ta' Settembru 2007 huwa l-wild bijologiku ta' l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-azzjoni odjerna hija bazata principalment fuq id-dispost ta' l-artikolu 77 tal-Kap.16 li jaghti l-fakolta' lill-kull parti nteressata sabiex timpunja l-legittimita' ta' wild mwieled fiz-zwieg, jekk fiz-zmien hemm indikat "ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha."

Illi f' dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur hija aktar kredibbli minn dik moghtija mill-konvenuta G Farruga, u ghalhekk taghti affidament lill-attur.

[2] Fols.136 - 137
[3] Fols.115

Il-provi sodisfacenti juru li meta l-konvenuta telqet lil zewgha f' Settembru 2006 hija marret tikkoabita ma' l-attur li mieghu hija diga' kellha relazzjoni. Biz-zmien ir-relazzjoni ta' bejniethom tant issodat li ppjanaw ukoll li jkollhom tarbija, kif fil-fatt gara. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-attur li, meta l-konvenuta kienet telqet mid-dar fejn kienet qeda toqghod ma' l-attur minhabba l-messaggi li dan kien qed jircevi, hija kienet marret tghix ghand ommha; u wara ftit taz-zmien kienet irritornat lura ghand l-attur. Izda lejn l-ahhar ta' Jannar 2007 hija regghet telqet, izda huma komplew jiltaqghu bil-mohbi, sakemm il-konvenuta eventwalment hassret defenittivament ir-relazzjoni fis-19 ta' Marzu 2007.

Il-Qorti tosserva li biex jigi sodisfatt ir-rekwizit legali taz-zmien, l-attur kellu jipprova li il-konvenut F E kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu l-konvenuta E "minhabba li kien boghod minnha" bejn it-tlett mitt [300] gurnata u l-mija u tmenin [180] gurnata qabel it-twelid tat-tifel fit-23 ta' Settembru 2007, u ghalhekk, bejn it-23 ta' Novembru 2006 u it-23 ta' Marzu 2007.

Issa l-istess attur jghid li f' Dicembru 2006 l-konvenuta kienet telqet ghal xi zmien, u wara Jannar 2007 hija regghet telqet, ghalkemm kienu jaraw lil xulxin bil-mohbi, sakemm telqet defenittivament fis-19 ta' Marzu 2007, u rrikonciljat ma' zewgha. Ghalhekk jidher car li anke mill-affidavit ta' l-istess attur, ma jistax jinghad li dan irnexxielu jissodisfa dan ir-rekwizit tal-ligi; u, ghalhekk, nonostante li t-testijiet xjentifici jissuffrogaw it-tezi tieghu li hu, u mhux il-konvenut F E, huwa l-missier naturali tat-tarbija C D, izda l-azzjoni ma tistax treggi stante li dak rikjest mill-artikolu 77 ma giex provat.

In fine jigi osservat li l-fatt li jirrizulta provat li l-konvenut F E huwa 99% infertili, huwa rrilevanti ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, ghax dak li tirrikjedi l-ligi hija l-impossibilita' li hu "jghammar" [fit-test ingliz "cohabiting"] ma' martu, u mhux l-impossibilita' li jkollu t-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici ma jistghux jreggu peress li mhmiex sostnuti mill-provi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti E kontenuta fir-risposta guramentata taghhom ulterjuri, tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur – hlief dawk relattivi ghas-sentenza tat-12 ta' Novembru 2008, u dawk tar-rapport xjentifiku li ghandhom jkunu a kariku tal-konvenuti F u G, konjugi E.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------